MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2002

Numru 296/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Frans Micallef)**
**(Sp. Neville Xuereb)**

**vs**

**Hassan Ali H. Mohamed bin Ali, Mwieled Benghazi, Libja, fis-27 ta' Dicembru, 1969, u li joqghod Triq K. Darmanin, Pieta', passaport numru 414577.**

**Mohamed Sinussi Maghbob ta' 20 sena Bin Sinussi mwieled Benghazi, Libja, Fil-11 ta' Lulju, 1981, u li joqghod Triq K. Darmanin, Pieta', passaport numru 91549.**

**Illum 16 ta' Ottubru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Hassan Ali Mohamed u Mohamed Sinussi Maghbob li gew akkuzati talli fil-Gzira nhar is-16 ta' April, 2002 minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra jew gabulha disordni f'mohhha u cioe ikkagunaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Yousewf Mohamed Essalah El Kayati u Waled Abrahim M. Attash (sec. 214, 216 (b), 217 u 218 (b) tal-Kap 9).

Il-Qorti giet mitluba li tiddikjara lil Hassan Ali H. Mohamed u lil Mohamed Sinussi Maghbob bhala immigranti pprojbiti skond l-artikmolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligjiiet ta' Malta.

Rat li l-imputati wiegbu li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali fejn baghat l-artikoli li tahthom tista' tinstab htija u cioe:  l-artikoli 214, 216, 217, 218 tal-kap 9, l-artikoli 14, 15 tal-Kap 217.

Semghet ix-xhieda kollha.

Dr Jonathan Joslin ezamina lil Yousewf El Kayati.  Qal li dan kellu f'wiccu lacerated wound maghmula b'arma li taqta' liema ddeskriva bhala sfregju allura ta' natura gravi. Kellu wkoll "inside wound ta' 1.5 centimetres fuq kuxxtejh ix-xellugija" (fol 27).  Youssewf kien fil-fatt tilef hafna demm.  Gie esebit ukoll f'dan ir-rigward Dok FM1 (a fol 26).

F'dan ir-rigward xehed il-vittma.  Youssewf Mohammed Essallah.  Qal likien ma' siehbu Walid, iltaqghu ma' tnejn min-nies li gharaf f'Awla bhala l-akkuzati.  Zied li wiehed minnhom fetah sikkina u tah daqqa f'zaqqu ghax hu, cioe ix-xhud, ma riedx ikellmu ghax ma jafx.  Indika lil dak li tah daqqa bhala l-qasir miz-zewg akkuzati.  Qal li l-qasir tah daqqa ta' sikkina go saqajh.

Qal dwar l-incident:

“Il-qasir ta lil Walid daqqa f’zaqqu u koxxtu u l-qasir tani wahda f’koxxti jiena u t-twil kompla jigifieri bis-sikkina x’hin gew f’saqajjha.” (fol 92).

Dwar jekk gharafx jew le l-akkuzati qal li veru li l-ewwel incident gara fid-dawl u li meta dalam gara t-tieni incident. Hu kien cert mill-identita’ ta’ l-aggressuri. Qal hekk “… l-ewwel diskors sar fid-dawl meta ta daqqa lil Walid, it-tieni diskors giet id-dalma imbaghad” (fol 95).

Ikkonferma fuq mistoqsija tad-difiza li ma saret ebda identification parade.

Il-vittma l-iehor huwa Walid Ibrahim. Xehed li flimkien ma’ Youssewf kienu qed jitkellmu ma’ l-akkuzati (Houseni u Mouni a fol 30) u f’daqqa wahda Hassan hareg sikkina. Hawn ix-xhud indika lil Hassan Mohammed l-akkuzat. Qal lihu beda jferraq u Mohammed tah daqqa f’wiccu, ried ukoll li dan Mohammed bl-istess sikkina tah daqqa f’wiccu u ohra go zaqqu. Nonostante li kien id-dlam, ix-xhud kien cert li Hassan hareg sikkina minn gol-but tal-qalziet, iddeskriva l-istess sikkina bhala mus. Zied ukoll li z-zewg akkuzati kellhom sikkina.

F’seduta ohra kkonferma li hu kien qala’ daqqa ta’ sikkina minghand Mohammed u li wara l-istess daqqa harab. Ikkonferma li hu kien jaf lil Mohamed fuq il-post tax-xoghol. Lill-akkuzat l-iehor jafu di vista (a fol 57). Ikkonferma ukoll li l-incident bejniethom inqala’ fuq xi mod ta’ tislim jew nuqqas tieghu (fol 57) jew ahjar disgwid inqala’ ghax hu ma riedx isellem.

Fuq mistoqsijiet tad-Difiza kif seta’ jiddistingwi l-aggressur tieghu in vista tad-dlam Walid wiegeb li hu kien face to face u ghalhekk seta’ jarah. Zied ukoll li dak il-hin ma kienx dlam cappa, anzi li kienet niezla x-xemx. Zied ukoll li lilu Hassan ma ghamilx xejn.

Jigi rilevat ukoll li Mohammed Sinussi kellu anke subghajh maqtugh b'mus. Ta' dan hu qal li kien wegga' fuq il-post tax-xoghol.

Xehdu wkoll Pulizija dwar il-mod kif inqabdu z-zewg akkuzati u cioe t-tentattiv ta' harba meta ndunaw li kienu marru ghalihom il-Pulizija.

Abdul Rahman Harb u Hari Harb, missier u iben u propjetarji tar-restaurant Ali Baba xehdu li huma kienu raw zewg persuni li identifikaw bhala l-akkuzati jigru wara persuna li dahlet ghal kenn fir-restaurant taghhom. Skond il-missier il-persuna mahruba kien Youssewf.

Dwar il-griehi sofferti minn Ibrahim Walid, Dr Anthony Gatt xehed li minhabba li kien hemm penetrazzjoni fil-kavita' taz-zaqq, dawn kienu ta' natura gravi.

Min-naha taghhom l-akkuzati cahdu b'mod kategoriku l-involviment taghhom f'dan l-incident meta xehdu viva voce quddiem din il-Qorti.

Fl-istqarrija minnhom rilaxxata pero' Mohammed Sinussi ammetta l-involviment tieghu f'dan ir-reat in dizamina. Fl-istqarrija qal ukoll li hu kien anke mar jiltaq' mat-tfajla tieghu qabel dan l-incident. Jidher li din it-tfajla hija Maltija. Aktar tard fl-interrogatorju stqarr li kellu bzonn interpretu u baqa' jsostni dan il-fatt anke matul dawn il-proceduri. Tant li meta xehed viva voce qal bil-gurament li ma kienx jaf jitkellem bil-lingwa Maltija u ghalhekk meta mar biex jiltaqa' mal-habiba tieghu, mieghu ha habib tieghu bhala interpretu.

Min-naha tieghu l-Ispettur Frans Micallef xehed li waqt l-interrogatorju hu kkomunika mill-akkuzati bil-lingwa Maltija fi kliemu ghax jifhmu bil-Malti u dan fil-prezenza tas-Surgent 16 (a fol 18).

Il-Qorti fil-fatt ma ghandha ebda raguni biex tiddubita lill-Ispettur Micallef. Dak li stqarr Sinussi fl-istqarrija zgur mhux ivvintat mill-Ufficjal Prosekutur, inkella ried ikun profeta biex il-ftti mistqarra fl-istqarrija qablu daqshekk

ma’ dawk li rrizultaw waqt is-smigh tax-xhieda fil-mori tal-kawza.

Ikkonsidrat

Id-Difiza ghamlet ukoll enfazi kbir dwar il-fatt li ma saret ebda identification parade. Huwa veru li hemm elenku ta’ gurisprudenza dwar l-elementi li jiddelineaw kif ghandha ssir identification parade valida. Pero’ hawn id-Difiza qed tibbaza mhux fuq xi nuqqas ta’ dawn l-elementi in kwantu ma saret ebda identification parade u ghalhekk l-istess identifikazzjoni tal-im,putati hija dubjuza. Pero’ hija l-fehma ta’ din il-Qorti l mhux kull reat jinnecessita identification parade, specjalment meta l-vittmi b’certezza jidentifikaw l-akkuzati kif fil-fatt gara. Fin-nuqqas ta’ dubju ta’ tali identita’ l-Qorti ma jidhrilhiex li l-pulizija ghandha taghmel dan l-ezercizzju. Anke tenut kont tal-fatt li tali identita’ giet anke kkorroborata minn terzi (sidien ir-restaurant Ali Baba). In vista ta’ din ix-xhieda cioe tas-sinjuri Hani anke il-punt sollevat mid-Difiza tad-dalm ma jreggux.

Konsiderando dan kollu l-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha sal-grad minnha rikjest mill-ligi dan wara li rat l-artikoli 214, 216, 217, 218 tal-Kap 9.

Rat ukoll l-artikoli 14 u 15 tal-Kap 217.

Rat il-fedina penalki ta’ l-akkuzati li hija wahda netta, qieset iz-zmien li huma ghamlu f’arrest preventiv. Rat l-art 28A tal-kap 9, tikkundannahom ghal sentejn (2) habs sospizi ghal erba’ (4) snin. Rat l-artikoli hawn imsemmija tal-Kap 217, tiddikjarahom bhala immigranti projbiti u tordna kontra taghha l-hrug ta’ ordni ta’ tnehhija minn dawn il-gzejjer b’effett immedjat.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.